# 28. Il-Kokka

Meta s-smewwiet u l-art isiru dalma
waħda taż-żift, u taħt is-siġra sewda
tal-lejl il-kwiekeb u l-imsiebaħ jaqgħu
gozz gozz, mitfija.

Meta l-qtates jehdew min-namur tagħhom
għax ma jarawx, u ġewwa r-raħal kollu
ma tismax ħoss, lanqas inbiħa waħda
ta' kelb għassies,

Minn ġewwa l-bejta f'nofs is-sur imkebbeb
bil-liedna dawra mejt toħroġ titperreċ,
ja Kokka sewda, b'par għajnejn iżebbġu
madwar munqarek

Int tara kollox, tara r-raħal kollu,
sal-bejta tal-ħamiem ġewwa l-kampnari,
u tgħodd id-djar u t-toroq waħda waħda
b-imnadar magħhom;

U biex iżżomm il-lejl bin-nifs tal-ħajja
u ma tħallihx imut, int twerżaq, twerżaq,
sakemm bir-raxx tal-ewwel dawl jistejqer
u jitlaq jiġri.